# It-Teatrin f'Ħal Lija



minn Salvu Sammut

**IMMORRU** lura fiż-żmien l-1900. Il-ħajja f'Ħal Lija kienet sempliċi ħafna. Ir-raġel jaħdem minn sbieħ sad-dlam u l-mara tieħu ħsieb it-tfal, u mitt ħaġa oħra li d-dar ikollha bżonn. Ħajja sempliċi bl-istess rutina, imma jgħidu li kulħadd kien kuntent b'dak li kellu.

Il-ħajja kienet madwar il-knisja, u għall-irġiel f'xi każin jew xi ħanut. Wieħed mill-każini, li dak iż-żmien kien imfittex ħafna kien il-każin tal-banda San Pio X. Il-banda kienet fl-aqwa tagħha. Kienet tmur tagħmel programmi tista' tgħid f'kull belt u raħal li għandna f'Malta, u anke f'Għawdex. Banda ta' xi sittin bandist kollha mir-raħal.

Il-membri ta' dan il-każin, barra l-banda xtaqu li jkollhom xi attività oħra, u hawn nibet il-ħsieb li titwaqqaf kumpanija tat-teatrin. Dan seħħ lejn is-sena 1913. Fost l-ewwel atturi nsibu lil Ġużeppi Attard (l-Għawdxi), Salvu Sammut (missieri), Alphonse Ebejer (Fonzu), Netto Falzon, Amabile Zammit (Manti), Frans Caruana (Nakku), Dwardu Muscat (Parrin) u Joe Agius (Il-Pajs). It-teatrin kien isir is-Sibt, darba fix-xahar fil-bitħa tal-każin tal-banda li kienet ġiet imsaqqfa b'xi luna biex tilqa' x-xita u b'xi mod ix-xemx. Fejn kienet tidħol parti ta' xi mara kien jagħmilha xi raġel b'vuċi li tixbaħ lil dik ta' mara.



Nº 0166

KAZIN TAL-BANDA S. PIJU X

VILLA LIA 5/7/59

Is-Sur Salvu Sammut

ħallas 5 xelin u — soldi ta — xhur

minn l' 1-8-1959

sal 31-7-1960

Ntenni £ 5/-

D Muscat

Kaxxier

Irċevuta tal-każin tal-banda għal ħlas tas-soċi li ħarget 1959 ta' missier awtur

Meta faqqgħet il-gwerra, t-teatrin kellu jieqaf; dan għad-diżappunt tan-nies tar-raħal li kienu draw b'dawk it-tliett siegħat ta' mogħdija taż-żmien li kienu jmorru bi ħgarhom. Ta' min isemmi wkoll li l-każin beda jilqa' r-refuġjati li ġew biex jistkennu mill-attakki ta' l-għadu, peress li f'Ħal Lija l-ħajja kienet aktar trankwilla.

Appena taffew l-attakki mill-ajru, u l-gwerra bdiet ittaffi, it-teatrin rega' beda jsir; dan kien fil-bidu tas-snin erbgħin.

Issa l-kumpanija kien jisimha Lija Dramatic Company. Id-direttur kien Salvu Sammut (missieri) li kien jieħu ħsieb il-produzzjoni, l-armar tal-palk u xeni li kien ipinġi fil-bitħa ta' l-istess każin. Atturi ġodda li żdiedu ma' dawk li kien hemm qabel huma John Ghirxi (Tirran), Frans Falzon (Ta' Peppinu), George Sammut (Gino ta' Kampanaru), Carmelo Vella (Ta' Rafel), Edward Sarakozza, Salvu Azzopardi (Fjur), Joe Sammut (Ċlaqq) u bosta żgħażagħ oħra.

Is-suġġeritur kien Peppi Farrugia (Belbulin). Meta l-atturi kienu jitfixklu jew jaqbżu xi vers, erħilu lil Peppi jqalleb il-paġni u jħokk rasu.

Issa bdew jieħdu sehem in-nisa u minn ta' l-ewwel nsibu lil Julia Ceci, Doris Sammut (Ċlaqq) u Grace Borg (Stella ta' Indri). Mal-Lija Dramatic Company ingħaqdu wkoll atturi

*Ikompli f'pagna 72*



Il-medja u l-gażżetti ta' dak iż-żmien faħħru 'l-kumpanija u l-atturi tagħha u nkitbu artikli sħaħ, anke bl-Ingliż, għaliex biex tippreżenta l-Hamlet, plej ta' Shakespeare, ma kinitx ċajta.

minn barra r-raħal, fosthom Ġużeppi, Victor u Carmen Bartolo ta' Ħal Balzan, Frans Pace (Nuħħala), Kalċidon Agius (Naxxar), Tessie Cassar (Paola), Ġuża Caruana u Ġuża Tedesco (Ħamrun), u l-aħwa Vidal (Valletta) u Carmelo u Joe Agius (tal-Pajs).

It-teatrin baqa' jintgħoġob u n-nies kienet tmur bi ħġara b'familji sħaħ. L-attività fil-każin żdiedet peress li beda jsir Sibt teatrin u Sibt film 'talkies'. Ta' l-aħħar kien jieħu ħsiebu Vino Caruana. Fis-snin ħamsin issaqqfet il-bitħa tal-każin u dawn kienu snin tad-deheb għal Lija Dramatic Company. Barra l-popolarità li kellha fir-raħal tagħna, l-kumpanija bdiet tkun imfittxija tista' tgħid f'kull belt u raħal ta' pajjiżna, u meta kienet tagħmel xi rappreżentazzjonijiet barra r-raħal, kienet tkun akkumpanjata min-nies minn H'Attard, Lija, Balzan u anke Mosta u Birkirkara. Wieħed irid ifakkar li l-atturi ma kinux jitħallsu u dan serva biex il-każin ikollu introjtu ta' flus. Dawn l-attivitajiet swew ħafna biex il-każin u l-banda jieħdu

spinta 'l-quddiem. L-Hon Mabel Strickland, sponsorjat lill-Lija Dramatic Company biex tippreżenta d-dramm ta' Shakespeare, Hamlet. Dan kien fis-17 ta' Frar 1951. Għalhekk il-każin kellu jipprepara biex jilqa' nies distinti Inglizi, li ġew mistiedna għal din is-serata. Ir-reċta kellha tkun bil-Malti.

Hawn il-kumpanija kellha biċċa xogħol iebsa biex tagħmel din l-okkażżjoni waħda li ma tintesiex. Saru ħafna provi u l-preparazzjonijiet kienu fit-tul u x-xogħol li sar ta l-frott, għaliex l-Lija Dramatic Company ħarġet bl-unuri kollha. Is-serata rnexxiet mija fil-mija, meta tqis il-limitazzjonijiet tagħha bħall-palk u post. L-atturi ntlaqgħu b'ħafna ċapċip. Il-*'media'* u l-gażżetti ta' dak iż-żmien faħħru 'l-kumpanija u 'l-atturi tagħha u nkitbu artikli sħaħ, anke bl-Ingliż, għaliex biex tippreżenta l-Hamlet, plej ta' Shakespeare, ma kinitx ċajta, speċjalment dak iż-żmien. Il-kumpanija giet mistiedna f'bosta swali oħra biex tagħti l-istess rappreżentazzjoni. Ta' min isemmi li l-Hon Mabel Strickland irregalat lill-banda sett brieret biex turi l-apprezzament għas-suċċess miksub. Fatt ħelu kien li fost il-mistiedna kien hemm membri mill-kumpanija tal-MADC li kienet tippreżenta wirjiet ġo San Anton fis-sajf u l-Pantomima tal-Milied fit-Teatru Manoel tal-Belt.

Dawn tant apprezzaw l-isforz ta' l-atturi tagħna li bagħtu biljetti b'xejn lill-kumpanija. Kienu talbu wkoll xi pariri peress li fl-istess sajf kienu se jippreżentaw bl-Ingliż il-Hamlet ġo San Anton.

Il-Lija Dramatic Company baqgħet tippreżenta l-ewwel dramm serju u wara farsa, fejn għall-farsa kienu jispikkaw Frans Pace ta' H'Attard, Kostanz Caruana (l-Parajs) u Carmelo Vella (ta' Rafel), u l-għada l-Ħadd kulħadd kien jitkellem fuq id-dramm jew il-farsa.

*Ikompli f'pagna 74*






Id-dramm kien isir bil-vestwarju li kien jinġieb apposta mingħand Sunta ta' Santa Venera.

It-tfal bdew jieħdu sehem ukoll, u fejn fis-serata kienu jinkludu lit-tfal, il-każin kien ikun ippakkjat. Jien kont minn ta' l-ewwel li tajt is-sehem tiegħi.

Fil-perjodu li qed insemmi l-kumpanija kienet torganiżża xalati għall-Għarmier. Kienu frekwentati ħafna u kienu jkunu akkumpanjati minn orkestra żgħira – Reno Micallef (Reno tar-roti) u t-tfal tiegħu ta' Birkirkara, li kien parti wkoll mil-kumpanija.

Ix-xandir ta' dak iż-żmien kien jitlob atturi minn tagħna biex jieħdu sehem f'xi radjudramm, fuq ir-redifjuxin. Fil-każin mhux l-ewwel darba li xi serata kellha tirrepeti ruħha peress li l-bitħa kienet tkun ippakkjata, għaliex id-dramm kien popolari f'dak iż-żmien. Insemmi bħala eżempji, Iż-Żewġ Surġenti, Is-Sunny Boy, It-Tfajla ta' Pompei u Il-Bravu ta' Venezja. Ta' min isemmi wkoll id-dramm Maria Goretti. Għal dan id-dramm ingħaqdu mal-kumpanija John Cutajar, Melita Cutajar (Tal-Pipa) u Harry Farrugia it-tlieta mill-Imsida.

It-teatrin fil-Ħamsinijiet kien fl-aqwa tiegħu u l-Lija Dramatic Company aġġornat ruħha maż-żmien u introduċiet il-kant u ż-żfin. Bdew isiru l-operetti u dawn intgħoġbu immens, bdew jieħdu sehem ukoll grupp ta' *Balaning Team* u tal-bużullotti. Bħal ma qed taraw is-serata kienet tkun imżewqa b'kollox. Ġieli ntużat is-sala ta' l-iskola tas-subien fi Triq San Anton, meta l-kumpanija kellha bżonn tgħin lil xi għaqda mir-raħal, peress li l-każin kellu inqas spazju. Lija Dramatic Company għandha titniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-każin San Pio X ukoll, għaliex barra li kienet ta' introjtu finanzjarju għall-każin, serviet ukoll biex teduka, u tagħti rikreazzjoni xierqa lin-nies tal-lokal.

Ta' min isemmi li l-Lija Dramatic Company tat rappreżentazzjonijiet għall-festa tas-Salvatur, għall-banda, għall-football u anke għall-piroteknika biex tgħinhom fil-finanzi. Maż-żmien il-kumpanija bdiet tagħmel it-teatrin fis-sala San Andrija, li kienet ġiet mibdula apposta għall-okkażżjoni u saret sala Parrokkjali.

Issa beda jiġri li l-atturi bdew jixjieħu u min siefer, min marad, min tilef l-interess u min miet, u l-Lija Dramatic Company waqgħet fuq atturi żgħar li l-furja għat-teatrin ma tantx ħadet fit-tul u għalhekk il-Lija Dramatic Company għebet ftit ftit u llum spiċċat. Huwa ħasra meta fil-lokal ikollok sala tat-teatrin u palk modern, imma mingħajr atturi.

Nispiċċa biex minn hawn insellem 'l atturi kollha li taw sehemhom, lil missieri li tant ħadem u stinka biex il-Lija Dramatic Company kienet dik li kienet u ngħidilhom grazzi talli żammew lill-poplu ta' Ħal Lija magħqud fit-teatrin għal ħafna żmien. Niskuża ruħi għal xi nuqqas ta' xi individwi li forsi ma semmejtx. Jien ktibt dak li ftakart. Xi darba forsi nirrakkontaw stejjer li ġraw fit-teatrin, li dawn huma ħafna. It-teatrin twieled ġewwa l-każin tal-banda u għandu jibqa' mfakkar hemm b'ċertu nostalġija.

Din hija parti importanti fl-istorja glorjuża tal-każin San Pio X u m'għandhiex tiġi minsija. Għandha titfakkar bl-akbar għożża.

"Is-suġġeritur kien Peppi Farrugia (Belbulin). Meta l-atturi kienu jitfixklu jew jaqbżu xi vers, erħilu lil Peppi jqalleb il-paġni u jħokk rasu."